# BLA TEBGĦA

## (IMMAKULATA)

*Ta'* PATRI Ġ. MEJLAK, S.J.

Inti biss waħdek fost kemm huma n-nisa
fuqek mar Alla jgħid: "Waħda hi l-ħamiema
tiegħi, waħda hi l-qaddisa". Hadt fil-wisa'
taż-żmien minn fomm il-ġnus il-barka s-sliema.

Mill-għarqa d-dinja kellek Int teħlisha,
lis-serpent rasu tisħaq Int dejjiema,
lill-mewt tal-ħtija tajt il-mewt infisha,
u ta' fidwitna ma' Ibnek sirt Ħaddiema.

Sbejħa bħal qamar u bħax-xemx magħżula,
saħħarna għal warajk, orbotna miegħek,
żommilna din ir-ruħ mid-dnub maħlula.

U kif Susan tal-bjuda dhirt, MARIJA,
hawn fostna, rodd li fuq il-atar tiegħek
nimxu, biex naslu fejnek fit-tgawdija.

B'kara, 15. 8. 49.